# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Numru 1**

**Avviz. numru 440/00mm**

**Francis u Patricia konjugi Buttigieg**

**vs**

**Arthur Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fis-7 t'April 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi d-danni hekk kif likwidati u minnhom sofferti kawza ta' ncident awtomobilistiku li sehh fil-hdax (11) ta' April tas-sena elf disa mija tmienja u disghin (1998) bejn il-vettura tal-marka Mitsubishi u bin-numru tar-registrazzjoni FAV 392 appartenenti u misjuqa mill-konvenut u l-vettura tal-marka Hyundai u bin-numru tar-registrazzjoni BBH 018 misjuqa mill-attrici Patricia Buttigieg u appartenenti lil zewgha Francis Buttigieg, u ta' liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata fit-tletin (30) ta' Lulju elf disa' mija tmienja u disghin (1998) dik pprezentata f'April tas-sena elfejn (2000) kif ukoll ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-kumpanija ta' l-assikurazzjoni pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni sofferti ma jeccedux l-erba mitt lira Maltin (Lm400).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1. Preliminarjament illi din il-kawza hija wahda intempestiva stante, li gia hemm kawza ohra fl-istess ismijiet u dwar l-istess meritu (Cit Nru 92/98mm - differita 18/5/2000)quddiem Qorti ohra - ghalhekk l-atturi qabel ma ppresentaw dina l-kawza misshom iddecidew x'sejrin jaghmlu b'dik il-kawza.

2. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tal-attrici Patricia Buttigieg, li kienet qed issuq bla kont, b'mod negligenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salve eccezzjonijiet ohra u b'riserva ghad-danni spettanti lill-konvenut bhala rizultat tal-incident.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b'referenza ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut rrizulta illi l-kawza msemmija giet ipprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex *Sede Inferjuri* u ceduta fit-2 ta' Novembru 2000, ghalhekk ma hemm l-ebda ostakolu illi din il-Qorti tkompli tikkonsidra l-meritu ta' din il-kawza.

Irrizulta illi dina tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara Ghawdex fil-11 t'April 1998 bejn il-karozza Hyundai BBH 018 misjuqa mill-attrici Patricia Buttigieg u l-Mitsubishi Lancer FAV 392 misjuq mill-konvenut.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Victoria meta waqaf fil-bokka tat-triq illi taghti ghal Ghar Ilma biex hemmhekk jesplora s-sitwazzjoni tat-traffiku qabel ma jkompli fit-triq tieghu. Jghid illi minn naha l-ohra kienu gejjin karozzi u ghalhekk waqaf biex ihallihom jghaddu. Kif beda jsuq imbaghad, giet il-karozza l-ohra misjuqa mill-attrici u baqghet diehla fuq il-gemb lemini ta' quddiem. Dak il-hin kienet ix-xita u gie allegat illi l-attrici skidjat u ghalhekk baqghet diehla fil-karozza tal-konvenut.

L-attrici minn naha l-ohra tghid illi hija wkoll kienet qieghda ssuq fid-direzzjoni tar-Rabat u li riedet tibqa' sejra ghad-dritt. Rat din

il-karozza quddiemha wieqfa pero' mxaqilba ftit lejn il-lemin. Hekk kif bdiet taghmel manuvra ta' sorpass il-karozza bdiet miexja, ghafset il-brake u l-karozza skidjat minhabba x-xita u baqghet diehla fil-karozza misjuqa mill-konvenut.

Il-Qorti tikkunsidra ghalhekk illi f'dan l-incident hemm zewg vetturi illi wahda minnhom kienet sejra ghad-dritt lejn il-belt ta' Victoria, waqt li l-karozza l-ohra kienet ser titlaq il-*main road*, biex tidhol go *secondary road* li hija dik illi taghti ghal Ghar Ilma. Kienet il-karozza tal-konvenut illi kienet  ser taghmel din l-ahhar manuvra. Ma hemmx dubbju illi l-konvenut kien jinkombi fuqu certa obbligazzjonijiet illi ma kienux necessarjament applikabbli ghall-attrici. Il-konvenut kien ser jitlaq *main road* biex jidhol go triq sekondarja u kien obbligat illi jaccerta ruhu illi din il-manuvra jista jaghmilha minghajr perikolu la ghalih u lanqas ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Il-konvenut ighid fost affarijiet ohra illi huwa kellu l-*indicator* mixghul biex juri li ser idur lejn il-lemin. Dana mhuwiex pero' bizzejjed u din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tghid li sabiex l-uzu biss ta' l-*indicator* mhuwiex xi brevett ta' mmunita li bih is-sewwieq jista jkompli fit-triq tieghu minghajr ma jimpurtah x'inhu ghaddej warajh. Kien jinkombi fuqu attenzjoni ferm kbira li qabel huwa ma jkompli l-manuvra tieghu, jassigura li dak il-hin ma jkun hemm hadd li jipprova jaqilghu minn fuq in-nahha tal-lemin.

Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru,1995 fl-ismijiet *Hugh P Zammit noe vs Raymond*

Debono, il-Qorti kienet qalet li meta sewwieq ikun sejjer jikser ghal go *side street,* mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda jrid jara wkoll illi dawk illi qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu li ma hemm hadd illi jkun qieghed jaqilghu fil-mument illi jkun ser jikser. Hija din l-ahhar cirkostanza illi l-konvenut deher illi huwa njora. Huwa beda jsuq jew almenu pogga l-karozza tieghu f'posizzjoni ta' perikolu minghajr ma huwa qaghad jaccerta ruhu illi f'dak il-mument kien hemm xi karozza ohra ser tipprova manuvra ohra ta' sorpass. Il-konvenut ighid illi huwa kien wieqaf dak il-hin ta' l-incident. Dana jista jkun, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi ghandu jigi ezonerat mir-responsabbilta' meta kellu jaccerta ruhu illi ma jkunx ta' ostakolu, wieqaf jew mhuwiex ghall-utenti l-ohra tat-triq. Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-konvenut ghandu responsabbilta' ghal dan l-incident.

Ghal dak li huwa l-komportament ta' l-attrici Patricia Buttigieg, il-Qorti ssib li ftit hemm x'ticcensura. Veru illi l-karozza taghha skidjat minnhabba x-xita, pero' huwa ben maghruf l-iskidd huwa fattur newtrali f'materja ta' kollizzjonijiet. Skid fih innfisu mhuwiex xi indikazzjoni ta' xi negligenza jew inkella xi forma ohra ta' dolo sakemm ma jigix pruvat li dik l-iskidd hija *self induced* jew inkella setghet tigi ppreveduta mis-sewwieq skond il-kaz. Kemm is-Surgent li nvestiga l-kaz, kif ukoll il-partijiet it-tnejn qablu illi dak inhar ta' l-incident l-art kienet mxarrba jew ghax kienet qed taghmel ix-xita jew ghax inkella kienet ghadha kif saret. Veru illi f'dan il-kaz jinkombi fuq is-sewwieqa attenzjoni aktar minhabba z-zlieq, u forsi jista jaghti l-kaz illi s-sewwieqa ghandhom ikunu aktar prudenti ghal dak li huwa velocita', pero'

f'dan il-kaz ma giex ippruvat li kien hemm xi velocita' eccessiva da parti ta' l-attrici meta kienet qed tavvicina l-karozza tal-konvenut. Il-karozza skidjat ghaliex ir-roti gew *locked* minhabba l-brake u l-mizuri ta' emergenza illi hadet l-attrici meta rat il-karozza tal-konvenut quddiemha. Il-kawza prossima ghalhekk ta' dan l-incident mhuwiex xi skidd da parte ta' l-attrici izda l-posizzjoni rregolari tal-konvenut illi jew qabad u dar minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji jew inkella ghax waqaf f'posizzjoni perikoluza f'nofs it-triq, fejn allura kien ser ikun ta' ostakolu ghal haddiehor. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ghandu n-nuqqasijiet tieghu f'dan is-sewqan u ghalhekk ghandu jwiegeb.

Ghal dawn il-motivi.

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u filwaqt illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku illi gara f'Gharb Road, Victoria fil-11 ta' April 1998 bejn il-karozza Mitsubishi FAV 392 misjuqa mill-konvenut u l-karozza Hyundai BBH 018 misjuqa mill-attrici Patricia Buttigieg, dana minhabba negligenza u traskuragni da parti ta' l-istess konvenut. Tillikwida l-ammont ta' danni subiti mill-atturi fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira u disghin centezmu (Lm385.90c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg